# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 21 ta' Frar, 2000.**

**Numru:**

**Citazzjoni Nru: 1282/95 JF**

**Dr. Simon Micallef Stafrace bhala legittimu rappresentant ta' Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-Socjeta' Guardian Royal Exchange plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Bugeja Bros. Limited.**

**-vs-**

**Michael Chetcuti li b'nota ta' l-4 ta' Jannar 1996, assuma l-atti tal-kawza minflok James Gollcher et noe (Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tat-30 ta' Ottubru 1996), u Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta' The Cargo Handling Company Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess li s-socjeta' Bugeja Bros. Limited importat gewwa Malta fuq il-bastiment M.V. Splendid konsenja ta' Plywood li waslet Malta fid-9 ta' Ottubru 1994:

U premess li din il-konsenja giet ikkonsenjata lill-assikurat tal-attur bid-danni spjegati fid-Dok. A (survey report).

U premess li ai termini tal-polza ta' Assigurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tad-danni li sofra u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat.

U premess li l-attur nomine jikkwantifika d-danni riportati fil-merkanzija tal-assigurat tieghu fl-ammont ta' tmien mija u tnejn u disghin lira u tletin centezmu (Lm 892.30,0) li maghhom jizdied l-ammont ta' mija u disa' u ghoxrin lira (Lm129) bhala survey fee ghalhekk danni totali sofferti mill-attur nomine fl-ammont ta' elf u wiehed u ghoxrin lira u tletin centezmu (LM 1021.30,0).

U premess li l-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni.

Talab li l-konvenuti din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghad-danni fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-attur nomine.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fl-ammont ta' LM 1021.30,0.

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jew minnhom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' LM 1021.30,0 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti nomine jew min minnhom.

Bl-ispejjez u nteressi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra l-konvenuti nomine.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela et nomine fejn eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, l-azzjoni attrici hija preskritta skond il-ligi u cioe' ai termini ta' l-Artikolu 45 tal-Port Ordinance ta' l-1966 sub incizzjoni (a) stante li ma saret ebda claim mis-socjeta' importatrici.

2. Illi fit-tieni lok it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. ikkonsenjat il-merkanzija 'de quo' lill-'consignees or his authorised agent', minghajr rimarki, kif jidher ampjament car mill-Gate Passes-Out Nri. 010798, 142157 u 010797. (DOK. ED1, ED2 u ED3).

3. Illi dwar il-Gate Pass-Out dan jinsab iffirmat mir-rapprezentant ta' l-importatur u la darba saret dikjarazzjoni ffirmata mill-istess importatur jew rapprezentant tieghu, tali skrittura privata fiha nnifisha hija prova ta' l-istat ta' kif l-importatur ircieva dik il-merkanzija u bhala dikjarazzjoni tieghu

ghandha torbot lill-istess importatur (Reg. Micallef vs. Jones u G. Abela - Citaz. Nru. 1103/83 K APP, deciza fid-19 ta' Awissu, 1992, u Alfred Gatt vs. Dr. Philip Sciberras - Citazz. Nru. 470/86 K APP JSP, deciza fit-2 ta' Novembru, 1995).

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandha tigi esebita l-polza ta' assigurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-importatur u ghandu jigi esebit ukoll ic-cheque li bih sar il-pagament.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' LM 892.30,0, bhala allegati danni.

6. Illi dwar is-survey fees hemm diversi sentenzi li jghidu li tali fees mhux dovuti peress li l-attur ma giex surrogat ghall-istess u ghalhekk il-konvenut Godwin Abela et noe jirreferu ghas-sentenza (Dr. Robert Staines vs. Godwin Abela - AK 6.4.92 - Citaz. Nru. 112/86) u (Dr. Robert Staines vs. Jos. Apps noe et - KJF 201/92 - Deciza 25.4.1995).

7. Illi ai termini ta' l-Artikolu 70 tal-Ports Regulations 1966 (Amended by Legal Notice 28/873) li jistipola li 'in the case of unit load or unitised cargo, the Director of Ports or his contractor may, subject to the provisions of this regulation, give a receipt for the quantity only of unit loads, received from the ship'. Unit load skond l-Att IX ta' l-1973 inter alia jinkludi 'vehicles, containers or trailers rolled on or off a ship'. Dan l-artikolu jezemi ovvjament lis-socjeta' konvenuta minn kull responsabbilta'.

8. Illi wkoll a bazi ta' l-Artikolu 90 u Schedule 13 ta' l-1966, tali merkanzija l-importatur jaf li tinhazen 'in the open and always at the sole risk of the

owner', u ghalhekk anke f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta mhux responsabbli (KF 15.11.92 - Ray Micallef vs Godwin Abela - Citaz. Nru. 1365/84 F - AK 16.3.92 - Reginald Micallef vs Godwin Abela - Citaz. Nru. 1094/84).

9. Illi fit-tmien lok dwar l-imghax (1) dan mhux dovut anqas stante li socjeta' esponent ma giet interpellata thallas ebda ammont determinat (2) u qatt ma giet surrogata fl-interessi mill-assigurat taghha u hallset biss ghaliex sostniet li kienet obbligata thallas taht polza ta' assigurazzjoni (3). Din titratta dwar kawza ta' danni u ghalhekk ammont ta' likwidanzi u dan jigi stabbilit biss permezz ta' sentenza u dan aktar u aktar meta s-socjeta' esponenti m'ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici hlief tramine polza (KAM 4.11.94 - J. Gerada vs Godwin Abela - Citaz. Nru. 1275/91).

10. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut et nomine fejn eccepixxa:-

1. Illi in linea preliminari, il-konvenuti m'humiex il-legittimi kuntradditturi f'din il-vertenza stante li s-socjeta' estera Grandi Traghetti Spa di Navigazione ma kienetx l-armatur u fi kwalunkwe kaz lanqas is-socjeta' O.F. Gollcher & Sons Ltd ma agixxiet bhala agent;

2. Illi subordinatament fil-mertu, l-attur iddekada mid-drittijiet tieghu ai termini tal-artiklu 17 (2) tal-Polza ta' Kariku;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut ma kienx responsabbli ghad-danni reklamati u lanqas ghall-ispejjez tas-survey;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabbilta' li tista' tigi stabbilita fil-konfront tat-trasportatur hija limitata skond il-polza u skond il-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta u rat l-affidavits li gew ipprezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li din hija kawza komunement maghrufa bhala 'marine cargo claim' relativa ghal kunsinna ta' injam ('plywood') impurtata lokalment fuq il-bastiment M.V. Splendid u li waslet ghand l-importatur jew destinatarju taghha, jigifieri s-socjeta' Bugeja Bros. Limited, parzjalment danneggjata u dana billi xi whud mill-planki kienu jidhru li sfaw mxarrbin bl-ilma. Id-danni gew stmati fis-somma ta' Lm 892.30c wara li gie kondott 'survey' fuq l-injam <u>de quo</u> minn 'surveyor' nominat mid-ditta assiguratrici tal-importatur. Saret 'claim' mal-kumpanija assiguratrici, u din 'a sua volta' hallset lill-assigurati taghha l-ammont imsemmi u giet issurrogata fid-drittijiet tal-assigurat u ghalhekk hija pprocediet kontra min dehrilha kellu jinzamm responsabbli ghal

dawn id-danni hekk ikkwantifikati bl-aggunta tas-somma ta' Lm 129 bhala 'survey fee'. Billi hemm eccezzjoni sussidjarja dwar dawn is-'survey fees', il-Qorti tirrileva li; a differenza ta' diversi istanzi ohra fil-passat, il-kumpanija assiguratrici m'agixxietx biss kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha imma anke proprio, u ghaldaqstant darba li hija tipprova li inkorriet ukoll il-hlas ta' dawn is-'survey fees' bhala danni ancillari biex tezamina, tikkostata, tiddetermina u tillikwida d-danni li saru, allura dan l-ammont, jekk tinstab responsabbilta', ghandu jigi meqjus ukoll ghal fini ta' likwidazzjoni. Mill-bqija dwar id-danni relativi ghall-'wettage' fl-injam impurtat ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni <u>ut sie</u>.

Illi dwar responsabbilta' hemm kontestazzjoni shiha da parti taz-zewg konvenuti. Il-Qorti, wara li gharblet il-provi, bilfors kellha tasal ghall-konkluzjoni li minkejja dak li gie rregistrat fit-'tally sheets' u l-'gate pass out' u cjoe' li l-injam importat dahal fi stat u kondizzjoni tajba, kemm mir-ritratti li gew esebiti (ara Dok. JBB, fol 48), kemm minn dak li xehed is-'survejor' John Borg Bellanti, kif ukoll minn dak li xehed l-istess Direttur tas-socjeta' importatrici, John Bugeja, hemm provi sufficjenti li juru li fil-fatt l-injam wasal fil-port ta' Malta fi stat gja ddanneggjat. Hekk per ezempju, xehed <u>inter alia</u>, l-imsemmi John Bugeja ghas-socjeta' importatrici, (fol 76-78),

> "....... nghid illi kellna 'flat-rack' li jkun qisu 'container' imma miftuh mghobbi bil-'plywood' u meta morna fuq il-moll biex nirtirawh u nitfugh got-tinda, il-burdnar cempilli u qalli li hemm it-tixrib. Mort inzilt u l-'plywood' veru li kien jidher li hu mxarrab ......"
>
> fol. 77: "........ u meta gie hawn Malta u sar it-tallying, tali tixrib ma giex riskuntrat u mnizzel fit-tallying ......."

"Waqt li mar fil-vapur ghal got-tinda ma setax ixxarrab ghaliex nafu l-granet tax-xita meta huma u ma kienetx ghamlet xita dakinhar, allura ma setax ixxarrab mill-vapur ghal got-tinda, voldieri xxarrab qabel ......"

fol 77/78: "Il-vapur jghabbi mill-Brazil u mbaghad imur Genova, ihott Genova u mbaghad minn Genova jergghu jghabbuh u jigi Malta. Voldieri jiena qed nghid li Malta ma setax ixxarrab. Voldieri jekk ixxarrab, qabel in transit" (sottolinear tal-Qorti).

Imbaghad fuq domanda tal-Qorti dwar jekk kienx jidher jekk l-injam ixxarrabx ricentement, l-istess importatur kompla hekk (fol 78),

"Le, ghaliex kien beda jaghmel ftit moffa, voldieri ma setax jimmoffa fi zmien jumejn."

Din id-depozizzjoni li tezonera mir-responsabbilta' lis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Limited, hija kkorroborata mill-kostatazzjonijiet li saru mis-'surveyor' li fl-affidavit tieghu (fol 47) inter alia xehed li,

"..... minhabba li d-dannu kien jikkomprendi sadid u moffa dan iwassal ghall-konkluzjoni li l-wetting kien ilu li sar."

Min-naha l-ohra, dan kollu jfisser li r-responsabbilta' allura taqa' fuq it-trasportatur ghaliex bilfors li l-'wetting', trattandosi ukoll ta' 'flat-roof packing', sehh waqt li l-merkanzija kienet 'in transit' lejn Malta. Skond Michael Chetcuti, senior manager mal-kumpanija konvenuta Gollcher Company Limited, ir-responsabbilta' ta' kif il-merkanzija titghabba u tigi protetta hija tax-'Shippen' (ara fol 84 tal-process). Is-socjeta' konvenuta Gollcher Company Ltd. eccepiet li fi kwalunkwe haz hija ma kienetx agixxiet bhala agent tas-socjeta'

estera trasportatrici izda d-dokumenti tal-hatt tal-merkanzija - hekk ara n-Notice of Arrival, Dok H, fol 12 tal-process - juru mod iehor. L-istess socjeta' konvenuta indikat ukoll l-artiklu 17(2) tal-polza ta' kariku izda anke hawn il-provi juru li meta l-importatur ipprova jikkuntattjaha biex tezamina hija stess id-danni riskuntrati, hija ma marritx tispezzjona l-injam importat. Fl-ahharnett, l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni li hija ssollevat giet irtirata skond ma jirrizulta mill-verbal datat 4 ta' Novembru 1999 (fol 86 tal-process). Illi ghalhekk il-provi kollha juru li responsabbli ghad-danni ghandha tinzamm unikament is-socjeta' Gollcher Company Limited u hadd hliefha.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Gollcher Company Limited u tilqa' in parte l-eccezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co. Limited, tilqa' t-talba attici kif dedotta kontra s-socjeta' konvenuta Gollcher Company Limited biss, fl-ammont mitlub u tikkundannaha ghalhekk thallas is-sorte flimkien mal-kap tal-ispejjez, ad eccezzjoni tal-ispejjez gudizzjarji relattivi ghas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited li jibqghu a kariku tal-attur nomine biss, bl-interessi mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-hlas effettiv , a kariku tas-socjeta' Gollcher Company Limited.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md